# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tas-86 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Gimgha 24 ta' Settembru 2010 fil-5:30 p.m.***

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fil-5.35 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 85**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.2 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li s-sejha pubblika ghal kwotazzjonijiet sabiex isir tindif ta' l-istess xelter kienet ghadha trid issir.

**3.2** ***Para 3.3 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew il-hlas minghand Green MT skond il-ftehim kif ukoll il-boroz il-grizi.

**3.3** ***Para 3.5 – Offerti:*** Is-Sindku nforma li sa issa kienu wehlu 13-il bank u kien jonqos li jehel bank iehor fi Triq il-Wiesgha filwaqt li t-2 l-ohra mal-faccata tal-Kazin tal-Banda kienu ser jehlu meta jistlesta x-xoghol li ser isir fuq il-post mis-Socjeta' Filarmonika San Bartilmew. Peress li dan ix-xoghol mid-dehra ser idum sabiex jitlesta gie unanimament approvat li jithallas il-kont tal-kuntrattur meta jitwahhal il-bank ta' Triq il-Wiesgha.

Rigward il-fanali l-Kunsill gie nfurmat li l-kuntrattur kien ghadu qed jara x'tip ta' kumpens kien ser joffri lill-Kunsill talli hu falla milli jipprovdi u jinstalla l-fanali fiz-zmien miftiehem. Gie unanimament deciz li l-Kunsill johrog *default notice* lill-kuntrattur u jiddeciedi jekk jaccettax il-kumpens meta niksbu d-dettalji minghand il-kuntrattur.

Rigward il-*website* l-Agent S.E. informa li kien gie nfurmat li x-xoghol kien miexi kif ippjanat. Il-Kunsill pero innota li sal-lum minkejja li ghadda hafna zmien ghandna ma rcevejna l-ebda dettalji tangibli ta' xoghol li twettaq mill-kuntrattur u lanqas biss nafu meta l-*website* l-gdida ser tkun lesta. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jikteb lill-kuntrattur, jitolbu rapport dwar ix-xoghol li twettaq kif ukoll

jinfurmah li l-*website* l-gdida trid tkun qed tiffunzjona sa mhux aktar tard mill-ahhar ta' Ottubru 2010.

**3.4** ***Para 3.8 – Skema Dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2011:*** L-Agent S.E. ikkonferma li l-applikazzjoni taghna kienet intbghatet u konna rcivejna anke l-*acknowledgement*.

**3.5** ***Para 3.12 – Bring-in Site:*** L-Agent S.E. informa li l-WSC kienu immarkaw minn fejn ghaddej il-main taghhom u jirrizulta li xorta jibqa spazju fejn tista issir il-Bring-*in Site*. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li ghandna ninfurmaw lil Wasteserv sabiex ikomplu bil-progett.

**3.6** ***Para 3.14 – Kuntratti tal-Knis u Skart Goff:*** Is-Sindku nforma li kien gie avvicinat mill-MRRA u ntalab sabiex jipprovdi stimi minghand il-privat ghall-provvista ta' tindif tat-toroq. Hu ipprezenta z-zewg stimi li kienu waslu u qal li qed nistennew stima ohra. Hu spejga li dawn l-istimi qed jingiebu sabiex wiehed ikollu indikazzjoni ta' x'qed joffri s-suq u eventwalment ikun hemm bzonn li ssir sejha pubblika ghall-offerti.

Rigward il-gbir ta' skart goff gie unanimament deciz li tinhareg sejha pubblika ghall-offerti.

Is-Sindku nforma wkoll li l-haddiem ta' l-ETC li ghal dawn l-ahhar xaghrejn kien qed jaghmel ix-xoghol ta' kennies, kien infurmana li mill-bidu tax-xahar id-diehel hu kien ser jaqleb *self-employed* u ghalhekk kien ser jieqaf mill-iskema ta' l-ETC. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li l-haddiem *attached* mal-Kunsill jibda jaghmel xoghol ta' knis sakemm isiru arrangamenti ohra.

**3.7** ***Para 3.17 – Offerti:*** L-Agent S.E. informa li kien sar *co-ordination meeting* mal-entitajiet koncernati u jidher li l-WSC iridu jaghmlu xoghol f 6 mit-8 toroq li ghadna filwaqt li l-Enemalta ghandhom xi xoghol fi Triq San Gwann. Huwa qal li mill-istimi jirrizulta li x-xoghol relatat mal-WSC kien ser jiswa madwar € 50,000. Gie unanimament deciz li meta inkunu nafu ezattament ix-xoghlijiet kollha li jridu jitwettqu u jkollna risposta minghand l-entitajiet kollha ninfurmaw lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u nitolbu li ninghataw il-fondi mehtiega.

Rigward it-talba li saret lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex ninghataw aktar fondi halli sabiex tigi iffinanzjata z-zieda fl-ispiza tal-kisi bit-tarmak tat-toroq ibbazata fuq ir-rati tal-kuntrattur maghzul, l-Agent S.E. informa li konna ghandna qed nistennew risposta.

L-Agent S.E. informa li l-kuntratt mal-Kuntrattur maghzul ser jigi iffirmat fil-granet li gejjin.

L-Agent S.E. informa ukoll li l-applikazzjoni lit-TM sabiex jigu nstallati 6 *traffic calming measures* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn meta jitlesta t-tarmak ghad trid issir.

L-Agent S.E. informa ukoll li ghadna qeghdin nistennew ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-Perit rigward l-offerti li konna rcevejna ghall-kuntratt tar-*resurfacing* u xoghlijiet ohra (*period contract*).

Fir-rigward tar-restawr tal-pittura, l-Agent S.E. informa li huwa kien kellem lir-restawratur li kien infurmah li x-xoghol kien miexi skond kif ippjanat. Gie

unanimament deciz li perjodikatament ghandha ssir visita lir-restawratur halli nsegwu x-xoghol li jkun ghaddej.

**3.8** ***Para 4.1 – Approvazzjoni ta' pagamenti pendenti* :** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew ufficjal minn *Sigma Paints* sabiex jigi jara x-xoghol li kien sar b'din iz-zebgha.

**3.9** ***Para 5.1 u 5.3 – Tindif ta' Sqaq fi Triq Ghaxqet l-Ghajn:*** L-Agent S.E. informa li dan ix-xoghol kien sar kif approvat. Jonqos biss li jsir qtuh ta' haxix mid-dahla ta' Triq Kromb il-Bahar.

**3.10** ***Para 5.2 – Hofra fi Triq Kromb il-Bahar:*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu jrid jikteb lill-MEPA / TM / u lis-sid (jekk jinkisbu d-dettalji) dwar il-kaz.

**3.11** ***Para 6.4 – Inizjattiva Ambjentali biex Ticcelebra Gheluq l-20 Sena Hidma tal-Kumpanija Vodafone:*** L-Agent S.E. informa li konna ghad irridu nibghatu l-applikazzjoni taghna.

**3.12** ***Para 6.5 – Green Challenge and Community Involvement Awards.:*** L-Agent S.E. nforma li kien ghadu qed jistenna risposta minghand il-Kunsillier M. Mifsud dwar l-applikazzjoni taghna.

**3.13** ***Para 6.6 – Skema dwar Inizijattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011:*** Il-Vici Sindku nforma li kien behsiebu jissuggerixxi sabiex isiru lezzjonijiet ta' *General Fitness* ghal zewg gruppi ta' etajiet differenti gewwa Bertu's Gym. Huwa qal li fil-mument kien ghadu qed jistenna risposta minghand *Fitness Instructor* sabiex ikun jista jahdem fuq l-ispiza tal-progett. Il-Kunsill qabel unanimament ma din il-proposta.

**3.14** ***Para 6.11 – Tpoggija ta' Materjal tal-bini fuq il-bankina fi Triq Caravaggio:*** Is-Sindku nforma li wiehed mill-izviluppaturi kien ikkopera u applika ghall-permess sa l-ahhar ta' Ottubru 2010.

Zviluppatur iehor kien qed jirrifjuta li jhallas. Il-Kunsill unanimament iddecieda li jkompli jinsisti li jinhareg permess skond il-ligi u jekk dan l-izviluppatur ma jikkoperax ghandu jsir rapport lill-Pulizija. Sadanittant ma ghandhomx jinhargu l-ebda permessi ohra (tpoggija ta' krejnijiet etc.) lil dan l-izviluppatur u ghandna ninsistu sabiex il-materjal jitnehha halli l-bankina tkun hielsa minn kull xkiel sabiex tkun tista tintuza mir-residenti.

**3.15** ***Para 7.3 – Xoghol Latrina Pubblika* :** L-Agent S.E. informa li l-bierah, flimkien mal-Kunsillier M. Mifsud kienu marru fuq il-post u hargu lista ta' affarijiet li jew kienu ghadhom nieqsa, saru hazin jew ma sarux skond il-kuntratt.

Is-Sindku irrimarka li ma kienx sew li wara li ghadda aktar minn xahar minn meta x-xoghol kollu kellu jkun lest ghad lanqas biss ghandna indikazzjoni ta' meta x-xoghol ser ikun lest. L-Agent S.E. intalab sabiex johrog *default notice* lill-kuntrattur u jelenka x-xoghlijiet li ghandhom pendenti filwaqt li jinsisti ghall-data sa meta ikun lesti x-xoghlijiet kollha. Il-Kuntrattur ghandu jigi infurmat ukoll li jekk ix-xoghol kollu ma jkunx tlesta sa l-1 ta' Ottubru 2010, il-penali tizdied ghal €200 kuljum minn

wara din id-data l-quddiem.

**3.16** ***Para 7.4 – Gnien tal-Ponta :*** l-Agent S.E. informa li huwa kien informa lid-*designer* Janice Zahra bid-decizjoni tal-Kunsill u ghadna qed nistennew minghandha d-dokumenti ghall-MEPA.

**3.17** ***Para 7.6 – Ftehim Green MT :*** L-Agent S.E. ta dettalji dwar l-ammont ta' skart separat li kien ingabar minn meta dahal fis-sehh il-ftehim ma' Green MT u qal li jidher li kien hemm titjib fl-ammont li kien qed jingabar. Gie unanimament deciz li mill-1 ta' Ottubru 2010, l-Kunsill ghandu jiehu l-offerta li jircievi l-hlas ta' € 15 ghas-skart separat li jingabar fuq kull tunellata li kienet tingabar qabel dahal fis-sehh il-ftehim.

**4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament izda gie deciz li l-konmt nru 1 minghand Anton Zarb jithallas biss meta jitwahhal il-bank li ghad jonqos hdejn il-Kazin tal-PN.

***Il-Kunsillier M.Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7:10pm.***

**5 Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Diversi lmenti dwar zghazagh li qed jaghmlu hafna storbju u vandalizmu fi Gnien il-Paci meta dan ikun maghluq matul il-lejl.

Gie unanimament deciz li l-Agent S.E. jinforma lill-kuntrattur sabiex jiehu hsieb jaghlaq l-gnien fil-hin kif ukoll li jaghmel rapport lill-Pulizija meta z-zaghzagh jirrifjutaw li johorgu mill-gnien meta jkun ser jaghlaq. L-Agent S.E. ghandu jinsisti mal-Pulizija sabiex izidu s-sorveljanza fil-gnien.

**5.2** Talbiet minghand residenti sabiex isiru *traffic calming measures* fi Triq San Gwann, fi Triq Stiefnu Zerafa u Triq Santa Katerina.

Gie unanimament deciz li l-Kunsill jitlob parir minghand TM dwar dan it-talbiet.

**5.3** Talba sabiex isir *patching* fi Triq il-Gdida peress li allegatament nizlet l-art.

Gie unanimament deciz li dan l-ilment jigi nvestigat u jekk ikun bzonn jirreferi lill-Bitmac peress li t-triq nksiet bit-tarmak ricentament.

**5.4** Talba ghal kumpens minghand resident wara li allegatament f'Gunju 2009, fanal kien waqa fuq il-vettura tieghu fi Sqaq ir-Ruzarju.

Il-Kunsill innota li din it-talba kienet diga giet ikkunsidrata mill-Kunsill is-sena l-ohra ftit wara l-allegat incident u l-Kunsill kien talab lir-resident sabiex jipprovdi aktar dettalji u dokumenti. L-Agent S.E. qal li hu ma kienx ircieva risposta minghand ir-residenti. Il-Kunsill unanimament iddecieda li fic-cirkustanzi ma setax jikkunsidra t-talba tar-resident.

**5.5** Talba sabiex isir tindif tal-*culverts* fi Triq il-Gnien.

Gie unanimament deciz li dan ix-xoghol isir mill-haddiem *attached* mal-Kunsill.

**5.6** Il-Kunsillier Mifsud qal li hu kien gie avvicinat minn resident li joqghod fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki u li kien intalab mill-Kunsill sabiex jizbor sigra li ghandu fil-*front garden* tieghu u li qed tghatti bozza tad-dawl. Dan indika li hu mhux tal-fehma li jghamel dan. Il-Kunsill unanimament iddecieda li jispjega lir-resident li kull ma qed jitalab hu sempliciment jizbor ftit is-sigra halli d-dawl ikun jista jinferex fit-triq kif talbu residenti ohra li joqghodu fl-inhawi. L-Agent S.E. intalab sabiex jispjega dan lir-resident. Il-Kunsill unanimament qabel li jekk dan ir-resident ma jikkoperax il-Kunsill jikkunsidra li jaqla l-bozza u jwahhala fuq arblu fuq il-bankina.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali tinfurmana li peress li n-numru zghir ta' residenti li kienu talbu li jsiru korsijiet fil-lokal skond Memos 52 u 93/2010, dawn ir-residenti ser jigu infurmati li l-korsijiet ma kienux ser isiru fir-rahal imma huma ser ikun jistghu jattendu f'lokalitajiet ohra.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Memo 126/2010 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'risq il-*Malta Community Chest Fund*.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li sa laqgha ohra l-Kunsillieri ghandhom jipprezentaw is-suggerimenti taghhom dwar l-attivita' li tista issir.

**6.4** Korrispondenza minghand il-Ministeru tas-Sahha dwar l-Injezzjoni ta' l-Influenza.

L-Agent S.E. informa li diga bdiet tingabar il-lista tar-residenti li huma interessati li jiehdu din l-injezzjoni. Gie unanimament deciz li ghandu jigi avvicinat is-Sur Mark Pullicino sabiex jaghti dawn l-injezzjonijiet filwaqt li l-Agent S.E. ghandu jaghmel l-arrangamenti mehtiega sabiex tkun tista tintuza l-berga.

**6.5** Korrispondenza minghand il-MEUSAC dwar sejha ghall-ksib ta' fondi mill-UE taht l-ERDF Axis 2.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.6** Kopja ta' pjanta ghall-*embellishment* ta' l-*area* hdejn il-monument f'Misrah il-Knisja mit-Taqsima tax-Xoghlijiet fi hdan il-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali.

Din il-pjanta giet approvata unanimament mill-Kunsill u gie deciz li nitolbu lill-Ministeru sabiex jinbeda x-xoghol kemm jista jkun malajr.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Gie unanimament deciz li l-Kunsill japplika sabiex jinkisbu fondi mill-MEPA taht l-iskema tal-UIF sabiex ikun tista tinbena bankina fi Triq San Gwann mill-ahhar residenza sat-Torri tas-Semaforu.

**7.2** Is-Sindku ipprezenta l-*Management Accounts* sa Lulju 2010. Huwa spjega li jirrizulta li filwaqt li d-dhul kien aktar minn dak progettat, l-infieq kien anqas minn dak progettat. Wara spjega fid-dettal il-*Management Accounts* gew approvati unanimament. L-Agent S.E. informa li sa laqgha ohra suppost ikollu l-*Management Accounts* sa Awissu 2010.

**7.3** Il-Kunsill unanimament iddecieda li jzid is-sorveljanza mill-*Green Wardens* u elenka lista ta' toroq li ghandhom jinghataw aktar importanza. Gie deciz ukoll li l-Gwardjan li jghati s-servizz hdejn l-iskola filghodu ghandu jintalab jaghmel servizz f'toroq ohra qabel ma jibda hdejn l-iskola.

**7.4** Giet unanimament approvata l-inizjattiva li ttiehdet ghall-*Car Free Day*.

**7.5** Gie unanimament approvat li Ghar San Brinkat ghandu jibda jitnaddaf kemm jista jkun fuq bazi regolari filwaqt li giet evalwata wkoll il-possibilita' li jigi limitat l-access ghall-ghar iz-zghir permezz ta' rixtellu jew li ghalmenu ssir grada tal-hadid fuq il-bokka li taghti ghall-hofra li hemm fl-istess ghar peress li din qed tintuza sabiex fiha jigi moghrmi z-zibel.

**7.6** Il-Vici Sindku informa li l-grupp muzikali Kultural kien avvicinah sabiex il-Kunsill jaghti n-*No Objection* tieghu ghal attivita muzikali f' Ghar San Brinkat il-Hadd 12 ta' Dicembru 2010 bejn 1600 u d-2100. Din it-talba giet approvata unanimament.

**8 Aggornament**

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fit-8:00 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 12 ta' Ottubru 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **12 ta' Ottubru 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |